# Taħt Għajnejn il-Kunċizzjoni

Dwayne Ellul

Din hi d-dwejra sempliċi ta' Dela li tgħammar fi Triq l-Oratorju fil-qalba ta' Bormla: terran magħmul minn ftit ħitan li ż-żebgħa li rnexxielu jibqa' mwaħħal magħhom jiftakar lil Freddie Portelli mingħajr il-barbetti. U l-probabbiltà li jitqaxxru biex jerġgħu jinżebgħu mill-ġdid hi daqs il-probabbiltà li Freddie Portelli jqaxxar l-istess barbetti li llum saru sinonimi miegħu. Ħitan li bejniethom issib biss kuker tal-gass, bank ċkejken tal-kċina, mejda tonda miż-żgħar nett, sodda tal-wieħed u nofs, banju, loki, sink u televixin Grundig li kienet akkwistat bil-ħila tal-mibki Lorry Sant fit-tmeninijiet.

Fil-kamra tal-ikel, dejjem jekk tista' ssejħilha hekk, minbarra l-mejda u s-siġġijiet issib vetrina msewsa miksija bil-formajka lewn l-injam lussuż; u fuq din il-vetrina sfilata sħiħa ta' ritratti tal-mejtin li, bħallikieku ma kienx biżżejjed għalihom li huma midfunin f'qiegħ ta'qabar, Dela kompliet ċallsitilhom wiċċhom mal-ħġieġa tal-frejmijiet tal-lira.

Iż-żewġ zijiet min-naħa t'ommha, Rikarda u Duminka, qegħdin hemm, fuq in-naħa tax-xellug. Duminka kompliet tgħir għal oħtha Rikarda anke wara mewtha, għaliex Rikarda tista' tgawdi lil żewġha li jinsab biss pass bogħod fil-frejm ta' maġenbha waqt li żewġha kien għadu jferfer mal-ħajjin. Fin-naħa tal-lemin issib l-aktar rokna meqjuma li fiha jispikka frejm *silverplated* dejjem bil-fjuri u x-xemgħa tnemnem quddiemu: l-għażiż Christopher, wieħed mit-tfal ta' Dela li spiċċa stiva *bullet* ġo nofs moħħu

wara li xebgħu jiġru warajh nies biex iħallas dejnu magħhom. Sewwasew fin-nofs hemm xemgħa komuni mill-ħomor li t-tnemnim tagħha jinqasam biex idawwal kemm l-istatwa tal-Kunċizzjoni, il-mimmi t'għajnejn Dela, kif ukoll ix-xbieha wisq meqjuma tal-Perit. U fuq kull naħa tagħhom ritratt abjad u iswed ta' omm u missier Dwardu li, għalkemm bi sforz ta' barra minn hawn min-naħa tar-raġel, irnexxielhom jaslu sal-*hall of fame* ta' fuq il-vetrina ta' Dela, xorta waħda sfaw imċaħħda mid-dinjità li jingħalqu għall-kwiet f'daqsxejn ta' frejm.

U Dela tibda tfarfar u tgedwed mingħajr ma taf x'inhi tgħid, "Regjamaterna donnejs domni u perpetwa nunċedejs regja skantampaċe ammen." Il-frejm taz-zija Rikarda. "Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem; id-dawl ta' dejjem jiddi fuqha, tistrieħ fis-sliem, ammen." Iz-zija Duminka. "Regjamaterna donnejs domni u perpetwa nunċedejs regja skantampaċe ammen." Taqla' l-frejm ta' Christopher minn postu, tfarfru tajjeb, tbusu u tpoġġih f'loku. Tersaq lejn ir-ritratti diskriminati

u

"Pħuu għalikom!" Tobżoq bila ħadra – minn dawk li Armaġużarma ta' Wlied in-Nanna Venut kien jitfa' fl-art tal-pjazza tar-raħal – li ċċarċar ma' wiċċ Marija, omm Dwardu. "Intom ġibtuni fiex ġibtuni. Li kien Alla jħallaskom!"

Filwaqt li Dela tkun qed tobżoq fuq xi frejmijiet u tfarfar il-kumplament, Dwardu jkun qiegħed ifarfar il-frak tal-ħobż mixwi minn fuq il-mejda tal-każin biex jerġa' jitfa' fiċ-ċentru tagħha l-mazz tal-karti tal-logħob, inkallat bil-ħmieġ u bid-dagħa. L-istess mazz li mhuwiex biss fiċ-ċentru tal-mejda tal-każin, imma li ilu fiċ-ċentru tal-ħajja ta' Dwardu sa minn qabel ma twieled.

Kull min xi darba sab lil Dela f'xi dagħdigħa minn tas-soltu għal żewġha – waqtiet solenni li fihom kienet taqlagħlu r-razza u r-radika – żgur li ġieli semagħha tirrakkonta l-istorja ta' kif kunjattha Marija welldet lill-għażiż żewġha ("Li kien Alla jtini l-grazzja li għada filgħodu nsibu hemm stendut ħdejja!"). Kienet ġurnata bħall-oħrajn, u għalhekk lil dik iż-żaqq imqabbża 'l barra li kienet tħossha se tisplodi minn waqt għall-ieħor, ma ħallithiex ittellifha ġurnata xogħol. Għalhekk qamet f'xi s-sebgħa ta' filgħodu, għamlet ix-xirja modesta tagħha, qajmet lill-erba' wliedha biex ifittxu jmorru lejn l-iskola ħalli teħles ħelsa minnhom u tbellagħhom lill-povra għalliema, u għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu kienet diġà fetħet il-kamra.

Kwarta wara bdew ġejjin nisa tad-dar minn kull rokna tal-inħawi tal-Bastjun: Marì bil-kollezzjoni tal-fili tad-deheb li tibda mill-polz u tasal sa minkbha tħabbar miġjitha minn waqtiet sħaħ qabel ma titfaċċa, bl-istess mod kif il-Battista kien ħabbar il-miġja ta' Kristu; Rini li ma toħroġx mill-għatba 'l barra qabel ma taċċerta ruħha li sidirha jkun iħakkek ma' geddumha; Lara u Elaine, aħwa, waħda ta' sittax u l-oħra sena iżgħar diġà ħobla u ma tafx minn ta' min; Jessy tal-barbettu, li titfaċċa biss darba fix-xahar meta ssarraf – u tibqa' sejra tħarbat – iċ-ċekk tar-rilijf, Tona s-sewda, Vanna s-sħana, u l-bella kumpanija li kulma jafu jagħmlu f'ħajjithom hu li jiftħu saqajhom u jilagħbu t-tombla. Naturalment, l-arkitett ta' dan kollu kienet Marija li b'żewġha jissakar, jiddejjen u li qatt ma ratu ġej b'sold lejn id-dar, tgħallmet tpoġġi lilha nnifisha l-ewwel u qabel kollox, kif wara kollox kien jipprietka l-Perit-Alla-Tagħha.

U Marija ċċekċek u ddawwar il-bott tal-pedini, l-oħrajn jimmarkaw fuq il-ġogi, u Dwardu jdur f'ġufha. "Wieħed u sebgħin, sitta, sbatax." U tħoss imbuttatura. Ma tagħtix kasha. "Sittin, ħamsa u għoxrin, tlieta u sebgħin." U tħoss imbuttaturi aktar qawwija. Baqgħet għaddejja. "Wieħed, tnejn u sebgħin, ħamsa u tmenin." U ħasset bħal qisu ilma nieżel iċarċar ma' koxxtejha. U ħmistax, u tmenin, u ħams– u Dwardu qallha hawn irridek.

U jkun proprju f'dan il-punt kruċjali u delikat li jieqaf ir-rakkont ta' Dela għaliex s'hawn tkun ħasset li l-għan ewlieni tar-rakkont – li ttanbar f'moħħ dak il-povru li jkun qed jismagħha l-punt li Dwardu kien imħassar sa minn ġuf ommu – ikun diġà ntlaħaq. Barra minn hekk kienet temmen bis-sħiħ li kulma ġara minn dak il-waqt 'l hemm kienet kapaċi tirrakkuntah ħafna aħjar minnha Sosa l-majjistra u għalhekk ma tħossx li għandha tidħol fl-għalqa ta' ħaddieħor.

Kien sewwasew għalhekk li qatt aktar f'għomorha ma reġgħet rifset l-għatba tal-każin: għax id-daqqtejn tajba li qalgħet mingħand żewġha Dwardu għallmuha li dak postu u għalhekk 'l hemm ma kellhiex għal xiex tersaq. Jista' jdum hemm kemm irid, jista' jekk hemm bżonn ma jidħolx lura d-dar, imma hi ma kellha qatt tidħol tfittxu hemm ġew bħalma kienet għamlet darba, biex żgur ma jtihomx xi jgħidu bih lil dawk il-qatta skaren li jkollu miegħu. Hi kienet tobdi lil żewġha kemm għax ma kienx jaqblilha wisq tmur kontra kelmtu u kemm għaliex l-ambjent tal-każin kien jimbuttaha.

Hekk kif tidħol fil-każin tilqgħek mill-ewwel foga fitta ta' sigarretti u *cocktail* ta' rwejjaħ li bla dubju l-ingredjenti prinċipali tiegħu huma r-riħa t'għaraq, ħobż

mixwi, bass, bewl u tifwiq. Issib kamra kbira li fuq in-naħa tax-xellug tagħha hemm bar ċkejken u nkallat immexxi bl-inqas sforz u ħeġġa possibbli minn Jessy tal-fliexken: il-mara mħattba li b'xagħarha nofsu laħam u nofsu bliċjat u mtella' 'l fuq, izzappap u titwerreċ u tiġbed lil dak il-kruha ta' kelb tal-but mill-ħabel li tużalu bħala ċinga hi u tipprova taqdi lil xi miskin jew povru li jkun jixtieq jiekol jew jixrob xi ħaġa minn taħt idejha. Biswit il-bar issib tliet imbroljuni mill-kbar nett – imlibbsin ta' kaxxi tal-logħob – li jisolħu lil kull min ipoġġi ħdejhom. Fin-nofs tal-kamra biljard ġdid li fuqu jmorru jilagħbu t-tfal iż-żgħar; imbagħad ħdejn il-biljard erba' mwejjed tal-Pepsi u s-siġġijiet pariġġhom iħarsu lejn in-naħa tat-televixin li fuqu Jessy kienet turi l-logħob tal-futbol klandestinament. Wara l-bar kien hemm żewġ lokijiet li f'ġurnata sħiħa kienu jintmesħu darba waħda biss kif jingħalaq il-bieb aħdar, tqil u oħxon tal-każin, u għalhekk mhux ta' b'xejn li r-riħa dominanti hemm ġew kienet tal-awrina – kif komunement huwa magħruf seħibna l-bewl fost ix-xjuħ ta'dawn l-inħawi. Fuq ġewwa nett ta' din il-kamra kbira, separati minn biċċa perspeks li twassal sas-saqaf, kien hemm erba'mwejjed oħra li kienu jpoġġu fuqhom il-lagħba: imwejjed li l-imħatri li raw jistgħu jitqiegħdu fuq l-istess keffa ta'dawk li jsemmi Mejlak f'*Riħ Isfel*; li d-dagħa li semgħu jħabbatha ma' dak li sema' f'għomor ta' tmenin sena Dun Pawl li qatta' tliet kwarti minnhom rieqed ġol-konfessinarju. Dawn kienu l-imwejjed li madwarhom kienu jintasbu jilagħbu Dwardu u l-klikka.

U waqt li Dela tnaddaf il-frejmijiet u Dwardu jnaddaf il-frak tal-ħobż, sħabu għadhom jitnejku bih għaliex, snin ilu meta kienu għadhom kif iżżewġu, Dela kienet niżlet tfittxu l-każin fil-ħdax u kwart ta' billejl għax ħasbet li kien ġralu xi ħaġa. Jipprova ma jagħtix kashom, imma jħossu jindanna għal Ġużi li reġa'qanqal il-ħama wara tant snin, għal Ġovann li kien xeba' jirbaħlu ħamesxelinijat, għal Jessy li siegħa ilu kienu ordnawlha t-tejiet u kienet għadha ma ġabithomlhomx, imma fuq kollox għal Dela li kienet hi r-raġuni ewlenija għaliex sħabu kienu qegħdin jiżżuffjettaw bih.

Lanqas ta kas li kienu ġa saru l-għaxra u nofs ta' billejl. Ħares lejn l-arloġġ biss wara li induna li fuq in-naħa tiegħu tal-mejda ma kienx għad baqa' ħamesxelini waħda mġiddma. Reġa' tilef kollox. U seħet il-bixkla, it-trentun, il-poker u r-rami. U seħet 'il Ġużi, Ġovann, Pawlu, Ċali u l-Bilbla. U tela' indannat id-dar ħalli jiekol u jorqod.

Sab ir-ross il-forn fuq il-mejda tal-kamra tal-ikel. Poġġa u qabad l-imgħarfa biex jibda jiekol.

"Ħaqq ... Da kiesaħ!"

Daħal fil-kamra tas-sodda: "Qum minn hemm int, ja għażżiena, ħa ssaħħanli dak il-ħara li sajjart!"

Il-povra Dela tqallbet fis-sodda u, lubiena, temtmet xi ħaġa ma tinftihemx. Dwardu kellu l-ġuħ u ried jiekol. Ftakar li kien tilef kollox. U li sa ftit ilu sħabu kienu għadhom qed iwaqqgħuh għaċ-ċajt minħabba dik li kien hemm imxaħxħa quddiemu. Ħareġ irrankat lejn il-kamra tal-ikel, ħafen il-platt bejn is-swaba' ta' jdejh, reġa' daħal bih fil-kamra tas-sodda, mar dritt fuq Dela u libbishulha f'rasha.

"Issa qum minn hemm u oqgħod iġbor ir-ross minn fuq l-imħadda, ja bagħla! Ħa titgħallem li jien ir-ross sħun inħobbu!"

Minn ġol-inkwatru mdendel fuq is-sodda, il-Kunċizzjoni ħarset b'għafsa ta' qalb lejn Dela tiġbor ir-ross minn fuq in-naħa tagħha tas-sodda waqt li żewġha kien diġà mitfugħ hemm qisu l-majjal bir-riħa ta' bewl u ta' sigarretti b'kollox.